**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Frar, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 1164/2019**

***JOSETTE CAMILLERI***

***VS.***

***THE MALTA UNION CLUB U B'DIGRIET TAL-10 TA' MEJJU, 2018 ĠIET IMSEJĦA FIL-KAWŻA VIRA GATT BUTTO***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza dwar talba magħmula minn Vira Gatt Butto sabiex tinstema' mill-ġdid kawża maqtugħa b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Novembru, 2019, u dan wara li titħassar dik is-sentenza skont l-**artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, minħabba li Vira Gatt Butto qiegħda tgħid li hija ma kinitx notifikata bil-kawża, qabel ma ngħatat dik is-sentenza;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fis-**<u>6 ta' Diċembru, 2019</u>**, Vira Gatt Butto fissret li fit-30 ta' Novembru, 2019 hija sabet diffikultà biex tixtri bil-karti tal-bank tagħha. Wara li

stħarrġet mal-avukati tagħha biex tara x'kienet il-problema, hija saret taf li l-kontijiet bankarji tagħha kienu milquta b'mandat ta' sekwestru esekuttiv numru 1642/2019, li nħareġ b'riżultat ta' sentenza fl-ismijiet ***Josette Camilleri v. The Malta Union Club et (Rik. Nru. 1033/2017LM)*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Novembru, 2019;

3. Vira Gatt Butto tisħaq li hija ma kinitx taf b'din il-kawża u li hija qatt ma ġiet notifikata biha skont il-liġi. Minħabba f'hekk, hija talbet lil din il-qorti sabiex:

> «*1. Tiddikjara u tiddeċiedi li jeżistu raġunijiet biżżejjed għar-ritrattazzjoni tal-kawza mibdija permezz tar-rikors ġuramentat numru 1033/2017 LM ai termini tal-Artikolu 811 (b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *2. Tħassar u tannulla s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, tal-1 ta' Novembru, 2019 fl-ismijiet Josette Camilleri - vs - The Malta Union Club et (Rikors numru 1033/2017 LM);*
>
> *3. Tordna r-ritrattazzjoni tal-kawża fl-ismijiet premessi sabiex l-esponenti tkun tista' tħares id-drittijiet tagħha skond* [sic] *il-liġi;*
>
> *4. Tgħaddi għas-smigħ tal-kawża wara illi l-esponenti tkun ingħatat żmien raġonevoli sabiex tippreżenta r-risposta ġuramentata tagħha.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-attriċi Josette Camilleri u/jew il-konvenut Malta Union Club, li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni tagħhom»;*

4. Il-Malta Union Club ippreżenta risposta maħlufa fit-**<u>3 ta' Jannar, 2020</u>** u fiha ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

> «*1. Illi t-talbiet ta' Vira Gatt Butto huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjes* [sic] *kontra tagħha billi mhux minnu li Vira Gatt Butto ma ġietx notifikata skond il-liġi;*
>
> *2. Illi jirriżulta li Brian Borg Bonaci ħalla r-rikors ġuramentat ta' Josette Camilleri ma' l-istess Vira Gatt Butto jew ma' impjegata tagħha fil-post tax-xogħol tagħha. Vira Gatt Butto kienet għada* [sic] *tiġġestixxi l-catering tal-club fiż-żmien tan-notifika.*

> *3. Għalhekk t-talbiet għandhom jiġu miċħuda billi kien hemm notifika skond* [sic] *il-liġi;»*

5. Josette Camilleri ressqet ir-risposta maħlufa tagħha fil-**<u>11 ta' Ġunju, 2020</u>** u wieġbet hekk:

> *«1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, qed tiġi eċċepita n-nullità tal-azzjoni kif proposta stante illi mal-preżentata tar-rikors promotur ma ingħatatx il-garanzija tal-ispejjeż skont l-Artikolu 249 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan skond* [sic] *l-obbligu tassattiv previst fl-Artikolu 815 tal-istess Liġi;*
>
> *2. Illi fit-tieni lok u fil-mertu t-talbiet tar-rittrattandi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ma jistgħux jintlaqgħu stante illi ma jirriżultax li seħħ dak li jipprevedi l-Artikolu 811 (b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Bħala stat ta' fatt jirriżulta li r-ritrattandi ġiet notifikata skond* [sic] *il-Liġi u dan kif ser jirriżulta waqt il-ġbir tal-provi u t-trattazzjoni ta' dina l-kawża.*
>
> *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

6. Waqt is-seduta tal-**<u>4 ta' Ġunju, 2020</u>** (ara paġna 99 tal-atti), il-qorti bit-tħaddim tal-**artikolu 732A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** qajmet eċċezzjoni *ex officio* li tgħid hekk:

> *«jekk it-talba għat-tħassir tas-sentenza minħabba nuqqas ta' notifika tar-rikors maħluf lil Vira Gatt Butto taħt l-Art. 811 (b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta taffettwax ukoll il-ġudikat li hemm bejn Josette Camilleri u The Malta Union Club.»*

7. Il-partijiet għalqu l-provi tagħhom fil-5 ta' Ottubru, 2021 u ressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub fis-26 ta' Novembru, 2021 (ara paġni 123 sa 139 tal-atti tal-kawża), fl-1 ta' Diċembru, 2022 (ara paġni 141 sa 144 tal-atti tal-kawża) u fil-25 ta' Jannar, 2022 (ara paġni 145 sa 148 tal-atti tal-kawża) rispettivament;

8. Din il-qorti wara li ħadet qies tal-provi u s-sottomissjonijiet kollha mressqa f'din il-

kawża, tinsab f’qagħda li tgħaddi għal din is-sentenza;

***Fatti***

9. B’rikors maħluf numru 1033/2017LM, imressaq fit-13 ta’ Novembru, 2017, Josette Camilleri talbet lill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili tikkundanna lil The Malta Union Club sabiex tħallasha kumpens għall-ġrieħi li ġarrbet fit-12 ta’ Ottubru, 2015, waqt li kienet qiegħda taħdem bħala wejtress fil-binja ta’ The Malta Union Club;

10. B’digriet mogħti waqt is-seduta tal-10 ta’ Mejju, 2018, il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili ordnat is-sejħa fil-kawża ta’ Vira Gatt Butto (ara paġna 53 tal-atti);

11. Skont riferta maħruġa mill-marixxall John Franċica (ara paġna 55 tal-atti), Vira Gatt Butto ġiet meqjusa bħala notifikata bir-rikors maħluf fil-25 ta’ Mejju, 2021, u dan billi tħalliet kopja ma’ Brian Bonaċi (*recte* Brian Borġ Bonaċi) li ġie indikat bħala *receptionist*;

12. Fid-dawl ta’ din ir-riferta, il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili tat digriet fis-seduta tal-21 ta’ Ġunju, 2018 (ara paġna 56 tal-atti), li permezz tiegħu Vira Gatt Butto ġiet iddikjarata bħala kontumaċi għaliex ma daħlitx risposta maħlufa fiż-żmien li tgħid il-liġi;

13. Aktar tard, il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili tat sentenza fl-1 ta’ Novembru, 2019 (ara paġni 32 sa 51 tal-atti). B’din is-sentenza, filwaqt li l-qorti sabet li The Malta Union Club ma kienx iwieġeb għat-talbiet ta’ Josette Camilleri, sabet li Vira Gatt Butto kellha tagħmel tajjeb għad-danni li ġarrbet Josette Camilleri fl-inċident tat-12 ta’ Ottubru, 2015 u minħabba f’hekk il-qorti kkundannat lill-istess Vira Gatt Butto sabiex tħallas lil Josette Camilleri s-somma ta’ €6,560.64;

14. Ħadd ma appella minn din is-sentenza;

15. Bis-saħħa ta' din is-sentenza, Josette Camilleri kisbet mandat ta' sekwestru esekuttiv bin-numru 1642/2019 kontra Vira Gatt Butto (ara paġni 28 sa 30 tal-atti). Dan il-mandat ġie milqugħ mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2019;

16. Imbagħad fis-6 ta' Novembru, 2019, Vira Gatt Butto ressqet it-talba tagħha għar-ritrattazzjoni tal-kawża li ġiet deċiża bis-sentenza tal-1 ta' Novembru, 2019 u li issa tinsab quddiem din il-qorti;

***Konsiderazzjonijiet***

17. L-azzjoni li għandha quddiemha l-qorti hija waħda ta' ritrattazzjoni. Vira Gatt Butto qiegħda tfittex b'dawn il-proċeduri illi tħassar is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Novembru, 2019, ħalli b'hekk il-kawża terġa' tinstema' mill-ġdid;

18. Fil-qosor il-prinċipji li jsawru l-kunċett ta' ritrattazzjoni jistgħu jinġabru kif ġej;

19. Ir-rimedju ta' ritrattazzjoni huwa ta' natura straordinarja li jitbiegħed mill-prinċipju ġenerali li l-ġudikat jorbot lill-partijiet (ara ***Alfred Mangion et v. Dr. Riccardo Farrugia nomine et***, Appell Superjuri tal-25 ta' Ġunju, 2010);

20. Il-prinċipju ewlieni li jmexxi l-istitut tas-smigħ mill-ġdid ta' kawża huwa dak li, kemm jista' jkun, sentenza li tkun ingħatat u saret ġudikat m'għandhiex titwaqqa' malajr, imma għandha titwaqqa' biss għal raġunijiet serji u gravi li jkunu tali li l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ tal-imsemmija sentenza jkunu jmorru kontra s-sens ta' ħaqq u ta' ordni pubbliku (ara **E*manuel Falzon et v. Alfred Fenech et*,** Appell Superjuri tal-21 ta' Mejju, 2019);

21. Tassew bħalma l-ordni pubbliku jippretendi ċ-ċertezza tad-determinazzjoni tad-

drittijiet kontestati fis-sura ta' sentenza li saret ġudikat, daqstant ieħor l-ordni pubbliku jrid li l-ebda sentenza li tkun milquta minn xi wieħed mid-difetti msemmija mil-liġi m'għandha titħalla sservi ta' paraventu għall-ħaqq (ara ***Soap And Sponge Company Limited v. Smt Developers Company Limited*** deċiża mil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Ottubru, 2005);

22. Kif imtenni mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***Leonard Muscat et nomine v. Onorevoli Prim Ministru et*** deċiża fil-31 ta' Lulju, 2000,

> *«Kieku kellu jkun permess li l-ġudikat jiġi svalutat billi jitħalla jitlef din iċ-ċertezza li tagħtih il-liġi, kieku l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tisfa' prattikament stultifikata u x-xogħol tal-Qorti jisfa' bħax-xogħol ta' dak li jkun qiegħed jagħżaq fl-ilma»;*

23. Proċedura ta' ritrattazzjoni fiha żewġ stadji: l-ewwel it-tiftix tar-raġuni li tista' twassal għat-tħassir tas-sentenza mogħtija (*in rescindendo*); imbagħad, jekk din ir-raġuni tinstab, is-smigħ mill-ġdid tal-kawża fl-istadju li tkun waslet fih meta ngħatat is-sentenza li tkun twaqqgħet (*in rescissorio*) (ara ***Paul Pisani et v. Emmanuel Custò et***, Appell Superjuri tat-2 ta' Marzu, 2007);

24. Xogħol il-qorti sakemm tkun għadha qiegħda tqis jekk jeżistux raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar is-sentenza attakkata, huwa dak li tara biss jekk kemm-il darba tirriżultax imqar waħda mit-tnax-il ċirkostanza msemmija fl-**artikolu 811 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** (*ara* ***Negozjant Giuseppe di Ruggiero Wismayer v. Giovanni Wismayer et***, Appell Superjuri tas-7 ta' Diċembru, 1936);

25. Kemm hu hekk, ir-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju mħolli li jsir biss fil-każijiet stabiliti fil-liġi, liema ċirkostanzi huma tassattivi u għandhom jingħataw tifsira ristretta u bla tiġbid jew analoġija (ara ***Mildred Ferrando v. Loris Bianchi pro et noe***, Appell Inferjuri fit-12 ta' Mejju, 2003 u ***Joseph Spiteri et v. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika et***, Appell Superjuri tat-12 ta' Marzu, 2019);

26. Fl-istadju *in rescindendo* din il-qorti m'għandhiex tgħarbel mil-ġdid dwar jekk hi taqbilx jew le mal-mod kif il-qorti tkun waslet għall-fehmiet tagħha fis-sentenza li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni (ara ***Kunsill Lokali Mellieħa et v. Central Mediterranean Development Corporation Limited et***, Appell Superjuri tat-23 ta' Ġunju, 2006);

27. Sewwasew għalhekk ir-rimedju ta' ritrattazzjoni mhuwiex maħsub li jservi bħala xi sura ta' tielet appell, li mhuwiex konċess fis-sistema proċedurali Maltija (ara ***Data Express Limited v. Atlas Insurance Agency Limited pro et noe***, Appell Superjuri tat-13 ta' Mejju, 2013);

28. Kif tajjeb ħafna jpoġġiha l-awtur (illum Onorevoli Imħallef) ***Grazio Merċieca***, f'paġna 21 tal-ktieb tiegħu, ***Mezzi Straordinarji Ta' Impunjazzjoni Tas- Sentenzi***:

> *«Teoretikament, fir-ritrattazzjoni, l-imħallef, hu u jirriforma s-sentenza, ma jkunx qiegħed jikkontradiċi lilu nnifsu billi jqerr l-iżball tiegħu, imma jesprimi l-veru ġudizzju li jikkorrispondi għar-realtà tas-sitwazzjoni, sentenza li kien jagħmel ukoll qabel, li kieku kien jaf b'din is-sitwazzjoni li kienet minnu moħbija.»*

29. L-azzjoni ta' ritrattazzjoni hija għalhekk opportunità f'waqtha sabiex jiġu msewwija nuqqasijiet fil-proċeduri, ħalli b'hekk ikun jista' jingħad li tkun tabilħaqq seħħet ġustizzja kif imiss. F'qagħda bħal din, hija preċiżament il-qorti li tkun ippronunzjat is-sentenza impunjata, li hija fl-aħjar pożizzjoni li tidentifika n-nuqqas li jkun sar u li tagħti r-rimedju xieraq fi żmien qasir.

30. «*È un atto di onestà che il giudice è chiamato a fare, non già un atto di eroisimo, che la legge non richiede mai, quello di confessare la colpa di un giudizio ingiusto*» - ***Borsari, Il Codice Italiano di Procedura Civile Annotato, 1872***, f' paġna 621;

31. Magħmula din id-daħla, il-qorti tħoss li qabel tgħaddi biex tqis it-talba għar-

ritrattazzjoni mressqa minn Vira Gatt Butto, hija għandha tiddeċiedi l-**ewwel eċċezzjoni** mressqa minn Josette Camilleri fir-risposta maħlufa tagħha;

32. F'din l-eċċezzjoni Josette Camilleri qiegħda tgħid li r-rikors maħluf imressaq minn Vira Gatt Butto għandu jitqies bħala null għaliex ma saritx il-garanzija tal-ispejjeż imsemmija fl-**artikolu 815 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

33. Dan l-artikolu msemmi minn Josette Camilleri jaqra hekk:

> *«Fil-qrati superjuri u fil-qrati inferjuri, it-talba għar-ritrattazzjoni, f'qorti tal-ewwel grad, għandha ssir b'rikors ġuramentat, u quddiem il-qorti fi grad ta' appell, b'rikors; flimkien mal-preżentata tar-rikors għandha tingħata l-garanzija għall-ispejjeż skont l-artikolu 249.»*

34. Qari tajjeb ta' dan l-artikolu dlonk jurik li l-garanzija għall-ispejjeż hija meħtieġa biss meta t-talba għar-ritrattazzjoni issir permezz ta' rikors quddiem il-qorti fi grad ta' appell u mhux meta t-talba għar-ritrattazzjoni ssir permezz ta' rikors ġuramentat quddiem il-qorti tal-ewwel grad;

35. Minbarra dan, l-**artikolu 249** dwar il-garanzija għall-ispejjeż li jissemma fl-**artikolu 815** jitkellem biss fuq appelli u mhux fuq kawżi li jsiru quddiem il-qorti tal-ewwel grad. Ifisser għalhekk li fil-każ ta' talba għar-ritrattazzjoni f'qorti tal-ewwel grad, bħalma għandna fil-każ tal-lum, ma hemmx ħtieġa skont il-liġi li r-rikors maħluf jiġi mwennes b'garanzija għall-ispejjeż (ara f'dan is-sens ukoll ***Andrew Alexander Azzopardi v. Joseph Azzopardi*** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-30 ta' Ġunju, 2010 fejn eċċezzjoni bħal din kienet ġiet miċħuda);

36. Lil hemm minn dan, Josette Camilleri lanqas ma ppruvat li f'dan il-każ ir-Reġistratur tal-Qorti bagħat xi avviż lil Vira Gatt Butto sabiex tħallas il-garanzija għall-ispejjeż skont l-**artikolu 249**. Kif ingħad fis-sentenzi ***Joseph Vella et v. Nazzareno Farrugia et*** u ***Anthony Attard v. Dione Aquilina et***, it-tnejn deċiżi mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Ġunju, 2007, ladarba l-**artikolu 815** jitlob li l-garanzija

tingħata skont l-**artikolu 249**, allura mhux mistenni li r-ritrattand jipprovdi din il-garanzija mal-preżentata tar-rikors iżda huwa mistenni li jipprovdiha wara li s-somma tal-garanzija tkun ġiet stabbilita mir-reġistratur;

37. F'dan il-każ, Josette Camilleri ma wrietx li r-reġistratur tal-qorti ffissa xi garanzija għall-ispejjeż li kellha titħallas minn Vira Gatt Butto biex tissokta bit-talba tagħha għar-ritrattazzjoni. Fil-verità dan hu hekk għaliex kif intqal qabel, ebda garanzija għall-ispejjeż m'għandha titħallas fil-każ ta' talba għar-ritrattazzjoni f'qorti tal-ewwel grad;

38. L-ewwel eċċezzjoni ta' Josette Camilleri dwar in-nullità tal-azzjoni mibdija minn Vira Gatt Butto għalhekk qiegħda tiġi miċħuda;

39. Hekk imwarrba din l-eċċezzjoni preliminari, il-qorti tista' tgħaddi biex tqis flimkien it-**talbiet ta' Vira Gatt Butto u l-eċċezzjonijiet l-oħra mressqa minn The Malta Union Club u Josette Camilleri**;

40. Il-liġi tagħna taċċetta tnax-il każ differenti fejn tista' ssir talba għar-ritrattazzjoni ta' sentenza. Fil-każ tal-lum, ir-raġuni waħdanija msemmija minn Vira Gatt Butto għaliex skontha s-sentenza tal-1 ta' Novembru, 2019 jmissha titħassar, tinsab imsejsa fuq l-**artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

41. Dan l-artikolu jipprovdi li kawża deċiża b'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tista' tiġi mismugħa mill-ġdid, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, jekk ir-rikors ġuramentat ma jkunx ġie notifikat lill-parti telliefa u din il-parti, għad li ma tkunx ġiet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża;

42. Kif joħroġ minn dan l-artikolu tal-liġi jirriżulta li huma tnejn il-ħwejjeġ li jridu jintwerew sabiex tista' tintlaqa' talba għar-ritrattazzjoni fuq din il-kawżali. Dawn huma: (i) li r-rikors maħluf ma jkunx ġie notifikat lill-parti telliefa; u (ii) li dik il-parti

telliefa ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża (ara ***Francis sive Frank Fenech v. Raymond Mallia nomine*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' April, 2003 u ***Joseph Caruana Curran v. Victoria Vella*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Mejju, 2003

43. Fil-każ tagħna, m'hemmx kwistjoni bejn il-partijiet li Vira Gatt Butto ħarġet telliefa mis-sentenza tal-1 ta' Novembru, 2019 u li tul iż-żmien kollu li damet għaddejja l-kawża qabel l-għoti tas-sentenza, Vira Gatt Butto ma dehret qatt fis-smigħ tal-kawża;

44. Fejn m'hemmx qbil dwar il-partijiet huwa dwar is-siwi tan-notifika ta' Vira Gatt Butto. Filwaqt li Josette Camilleri u The Malta Union Club qegħdin jgħidu fl-eċċezzjonijiet tagħhom li r-riferta pożittiva (ara paġna 55 tal-atti) maħruġa mill-marixxall John Franċica fil-25 ta' Mejju, 2018 hija waħda tajba, mill-banda 'l-oħra Vira Gatt Butto qiegħda tgħid li dik ir-riferta pożittiva ma tiswiex skont il-liġi;

45. Illi t-tilwima ta' bejn il-partijiet dwar is-siwi tan-notifika tinsab regolata bl-**artikolu 187(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

46. Ġie diversi drabi mtenni mill-qrati tagħna li r-rekwiżiti ta' notifika korretta huma ta' natura ta' ordni pubbliku u bħala tali għandhom jiġu mħarsa bir-reqqa (ara ***San Lawrenz Leisure Resort Limited v. Adam Jones et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Ġunju, 2011). Fis-sentenza ***Soap And Sponge Company Limited v. Smt Developers Company Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Ottubru, 2005, ingħad li l-proċedura mfissra fl-**artikolu 187 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għandha tiġi segwita b'reqqa u n-nuqqas ta' ħarsien tagħha jġib konsegwenzi radikali għas-siwi ta' kulma jkun sar bi ksur tagħha;

47. L-**artikolu 187(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi żewġ metodi ta' notifika lill-persuna fiżika: dik <u>diretta</u> lid-destinatarju u dik <u>indiretta</u> permezz tal-

persuni indikati fl-istess provvediment tal-liġi (ara ***D.D.E. Attard Limited v. John Saliba nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru, 2017 u ***Joseph Cassar Aveta v. Citadel Insurance plc*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu, 2007);

48. Fil-każ tan-notifika diretta, din tista' ssir billi kopja tal-att ġudizzjarju titħalla fiżikament mal-persuna li għandha tkun notifikata. In-notifika diretta ma hemmx bżonn li ssir f'post speċifiku iżda tista' ssir kull fejn dik il-persuna tinstab, anke jekk barra fit-triq (ara ***Victor Bezzina et v. L-Avukat Dr. Emanuel Bezzina*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru, 2011);

49. Min-naħa l-oħra fil-każ ta' notifika indiretta, din titqies illi tgħodd biss jekk il-kopja tal-att ġudizzjarju: (i) titħalla fil-post ta' fejn toqgħod jew taħdem il-persuna li trid tiġi notifikata; u (ii) titħalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha (ara *inter alia* ***Alessandro Delhin v. Antonio Darmanin*** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fid-9 ta' Novembru, 1927);

50. Imħaddma dawn il-ħtiġijiet speċifiċi li joħorġu mill-**artikolu 187(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għall-każ inkwistjoni, jirriżulta li r-riferta maħruġa mill-marixxall John Franċica teskludi n-notifika personali lil Vira Gatt Butto għaliex il-marixxall niżżel li huwa ħalla kopja tar-rikors maħluf ma' Brian Bonaċi (*recte* Brian Borġ Bonaċi);

51. Li rridu naraw mela huwa jekk dan Brian Borġ Bonaċi huwiex wieħed minn dawk il-persuni msemmija fl-**artikolu 187(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li seta' jirċievi atti ġudizzjarji għal Vira Gatt Butto;

52. Mill-atti tal-kawża ma jirriżultax li dan Brian Borġ Bonaċi huwa membru tal-familja jew tad-dar ta' Vira Gatt Butto. Lanqas ma jirriżulta li dan kien impjegat tagħha (ara

l-lista tal-impjegati provduta minn Joseph Saliba, rappreżentant ta' Jobs Plus, li tinsab f'paġna 97 tal-atti). Brian Borġ Bonaċi ukoll jistqarr fl-affidavit tiegħu li huwa kien impjegat bħala *receptionist* ma' The Malta Union Club (ara paġna 64 tal-atti);

53. Hekk ukoll, lanqas ma ntwera li Brian Borġ Bonaċi kien il-prokuratur ta' Vira Gatt Butto jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta għaliha. Kemm hu hekk, fl-affidavit tagħha (ara paġna 74 tal-atti), Vira Gatt Butto qalet li, «*although I obviously know who Brian is, I never authorised him to sign any documents on my behalf and he was not even employed with me.*»

54. Din il-verżjoni ta' Vira Gatt Butto ma ġiet meruta minn ħadd. Anzi Robert Dimech, Segretarju ta' The Malta Union Club, xehed li l-klabb qatt ma kien awtorizzat li jirċievi l-posta ta' Vira Gatt Butto (ara paġna 94 tal-atti). L-istess sostna Brian Borġ Bonaċi fix-xiehda tiegħu fl-24 ta' Frar, 2021 (ara paġna 90 tal-atti);

55. Mhux hekk biss, Brian Borġ Bonaċi, kemm fl-affidavit tiegħu (ara paġna 64 tal-atti) u kif ukoll waqt il-kontro-eżami tiegħu (ara paġna 90 tal-atti) qal li huwa ma riedx jaċċetta l-atti ġudizzjarji għal Vira Gatt Butto għaliex ma riedx jerfa' responsabbilità u spiċċa biex aċċettahom biss minħabba l-insistenza tal-marixxall tal-qorti li jżommhom;

56. Dwar dan, il-marixxall John Franċica qal fix-xiehda tiegħu tat-12 ta' Novembru, 2020 (ara paġna 82 tal-atti), li huwa ma staqsa xejn dwar x'kienet ir-relazzjoni ta' bejn Vira Gatt Butto (il-persuna li kellha tiġi notifikata) u Brian Borġ Bonaċi (il-persuna li magħha tħalla l-att ġudizzjarju li kellu jiġi notifikat lil Vira Gatt Butto). Dan għaliex fi kliemu stess, «*Le le ma nidħolx f'dak il-mertu. Ngħidlek il-verità jien, kull ma staqsejtu jien: intom x'tagħmlu hawn? U qalli hawn hekk bħala club każin Malti*»;

57. Il-qorti jkollha tistqarr li tinsab kemmxejn imħassba b'din il-verżjoni għaliex din l-

imġieba tal-marixxall, li jħalli l-atti ġudizzjarji ma' min isib fuq il-post mingħajr ma jsaqsi xejn, turi reħja tad-dmirijiet tiegħu. Bil-liġi skont l-**artikolu 67(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, l-uffiċjali esekuttivi tal-qorti huma inkarigati bin-notifika u bl-esekuzzjoni ta' atti ġudizzjarji. Il-qorti tifhem li fit-twettiq ta' dan l-inkarigu, l-uffiċjal esekuttiv tal-qorti għandu joqgħod ma' dak li tgħid il-liġi dwar il-validità tan-notifika. Jimplika dan, li jekk l-uffiċjal esekuttiv tal-qorti kien ħa jinnotifika persuna billi jħalli l-atti f'idejn ħaddieħor, dak l-uffiċjal esekuttiv kellu jiżgura ruħu li l-atti tħallew ma' wieħed minn dawk il-persuni li jissemma fl-**artikolu 187(1) tal-Kap 12 ta' Liġijiet ta' Malta**;

58. Ma jgħidx sew għalhekk il-marixxall li huwa ma jidħolx f'dak il-mertu. Anzi huwa sewwasew xogħlu li jiżgura li n-notifika saret kif trid il-liġi, billi jivverifika li l-att ġudizzjarju tħalla ma' persuni li skont il-liġi jistgħu jilqgħu dak l-att f'isem ħaddieħor. Kemm hu hekk, minħabba li l-marixxal ma daħalx fil-mertu, il-proċeduri u s-sentenza mogħtija kontra Vira Gatt Butto ġew imtappna minħabba dan in-nuqqas proċedurali gravi;

59. Din l-istorja kollha tixhed ukoll il-bżonn qawwi ta' emendi f'dan il-qasam tan-notifiki ta' atti ġudizzjarji. Jewwilla wasal iż-żmien li r-riferti ma jibqgħux isiru b'sempliċi timbri u bi kliem miktuba bl-idejn mill-marixxall, li ħafna drabi lanqas biss ikunu jistgħu jintagħrfu minħabba kitba mhux ċara;

60. Tassew, anke fuq l-eżempji li nsibu fir-**Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1393/2007** u fil-**Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika Barra mill-Pajjiż ta' Dokumenti Ġudizzjarji u Estraġudizzjarji f'Affarijiet Ċivili jew Kummerċjali**, il-leġislatur għandu jixtarr sew jekk ir-riferti tal-uffiċjali esekuttivi tal-qorti għandhomx jibdew isiru fuq formola standard provduta mir-Reġistratur, li jkun fiha fost l-oħrajn dettalji dwar (i) in-natura, l-okkju u n-numru ta' riferenza tal-att ġudizzjarju li jrid jiġi notifikat; (ii) il-metodu tan-notifika (*viz.* jekk hux bil-posta, bl-idejn, bit-twaħħil mal-bieb eċċ); (iii) id-data, il-ħin u l-indirizz tan-notifika; (iv) l-isem, il-kunjom u l-firma

tal-persuna li ġiet notifikata u, jekk l-att ma jkunx notifikat direttament lill-persuna li lilha kellha ssir in-notifika, l-isem, il-kunjom u l-firma tal-persuna illi lilha ġiet konsenjata, flimkien mar-rabta li dik il-persuna għandha mal-persuna li lilha kellha ssir in-notifika, (v) ir-raġuni l-għala n-notifika ma saritx, jekk din tirriżulta negattiva; u (vi) l-isem, il-kunjom u l-firma tal-uffiċjal li jkun wettaq in-notifika;

61. Din il-qorti għalhekk sejra tikkomunika din is-sentenza lill-Ministeru responsabbli mill-ġustizzja u lill-Avukat tal-Istat sabiex jistudjaw jekk hemmx bżonn ta' bidliet ta' kif il-liġi tirregola n-notifika ta' atti ġudfizzjarji f'kawżi ċivili;

62. Lura għall-każ tagħna, billi l-qorti sabet li n-notifika tar-rikors maħluf lil Vira Gatt Butto ma saritx skont il-liġi, minħabba li l-kopja tar-rikors maħluf tħalliet ma' persuna li ma setgħetx taċċetta atti ġudizzjarji f'isimha skont l-**artikolu 187(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, allura dan għandu jwassal għall-**<u>ilqugħ tat-talbiet ta' Vira Gatt Butto</u>** biex ikun hemm ritrattazzjoni tal-kawża skont l-**artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u fl-istess waqt, **<u>għaċ-ċaħda tat-tieni eċċezzjoni ta' Josette Camilleri u tal-eċċezzjonijiet kollha ta' The Malta Union Club</u>**;

63. Jifdal biss l-**<u>eċċezzjoni li tqajmet minn din il-qorti waqt is-seduta tal-4 ta' Ġunju, 2020</u>** (ara paġna 99 tal-atti) dwar jekk it-talba għat-tħassir tas-sentenza minħabba nuqqas ta' notifika tar-rikors maħluf lil Vira Gatt Butto taħt l-**artikolu 811 (b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** tolqotx ukoll il-ġudikat li hemm bejn Josette Camilleri u The Malta Union Club;

64. Bħala punt ta' tluq, il-qorti tibda billi tgħid li skont il-liġi mhux kull meta tintlaqa' talba għar-ritrattazzjoni ta' kawża, dan għandu bilfors iwassal għat-tħassir tas-sentenza kollha kemm hi. Dan kontra dak li tipprova tagħti x'tifhem Vira Gatt Butto fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha. Kemm hu hekk, l-**artikolu 813** tal-**Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid li r-ritrattazzjoni tingħata biss għal dawk il-kapi tas-sentenza attakkata illi dwarhom tkun teżisti xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-**artikolu**

**811**, li għalihom tista' tintalab ir-ritrattazzjoni ta' kawża;

65. Fuq dan il-punt ma hemmx kwistjoni li f'talba ta' ritrattazzjoni ma hemmx għalfejn jiġu attakati l-kapi kollha tas-sentenza, peress li «*può il soccombente domandare la ritrattazione di un solo dei capi della decisione*» (ara ***P.L. Giuseppe Piccinino v. Giuseppe Cachia*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Novembru, 1873);

66. Ifisser dan li ladarba s-smigħ mill-ġdid jingħata biss dwar dawk il-kapi li dwarhom ikun hemm xi waħda jew aktar mir-raġunijiet imsemmija fl-**artikolu 811**, allura l-kapi l-oħra fis-sentenza għandhom jibqgħu kif inhuma (ara ***Maria Debono et v. Avukat Dr Paolo Mercieca et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu, 2007);

67. Fil-każ tagħna, is-sentenza tal-1 ta' Novembru, 2019, li dwarha qed tintalab ir-ritrattazzjoni, kien fiha tliet kapi differenti. Bl-ewwel kap, The Malta Union Club ġie ddikjarat bħala mhux il-kontradittur leġittimu għat-talbiet ta' Josette Camilleri. Bit-tieni kap ġie ddikjarat li Josette Camilleri ġarrbet danni fuq persuntha minħabba nuqqasijiet ta' Vira Gatt Butto u bit-tielet kap, Vira Gatt Butto ġiet ikkundannata tħallas is-somma ta' €6,560.64 bħala danni lil Josette Camilleri;

68. Mill-perspettiva ta' dawn it-tliet kapi differenti li joħorġu mis-sentenza attakkata, il-qorti tqis li r-raġuni ta' ritrattazzjoni minħabba nuqqas ta' notifika tar-rikors maħluf lil Vira Gatt Butto tolqot biss it-tieni u t-tielet kap tas-sentenza. L-ewwel kap tas-sentenza dwar il-ħelsien ta' The Malta Union Club mill-ħarsien tal-ġudizzju m'għandux jiġi mittiefes skont l-**artikolu 813 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dan għaliex ir-raġuni ta' ritrattazzjoni miġjuba 'l quddiem minn Vira Gatt Butto tolqot biss it-tieni u t-tielet kap tas-sentenza fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabitha ħatja għad-danni mġarrba minn Josette Camilleri u fejn ikkundannatha biex tħallas kumpens ta' €6,560.64;

69. Il-kap tas-sentenza attakkata li tmiss mar-relazzjoni ta' bejn Josette Camilleri u The Malta Union Club m'għandhiex tinbidel minħabba l-fatt li Vira Gatt Butto ma ġietx notifikata bir-rikors maħluf. Dan aktar u aktar meta wieħed iqis li f'dan il-każ Josette Camilleri għażlet li ma tappellax minn dan l-ewwel kap tas-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell;

70. Din il-qorti ma tarax li hija ħaġa sew li l-ġudikat li nħoloq bejn Josette Camilleri u The Malta Union Club jiġi mfixkel minħabba n-nuqqas ta' notifika ta' Vira Gatt Butto. Il-ġudizzju bejn dawn iż-żewġ partijiet m'għandux jerġa' jinfetaħ mill-ġdid minħabba nuqqas proċedurali li jolqot terza persuna oħra. Wara kollox, l-obbligu ta' notifika lil Vira Gatt Butto bir-rikors maħluf kien jaqa' fuq Josette Camilleri;

71. F'dan is-sens il-qorti tirreferi għas-sentenza ***Emmanuel Zahra nomine v. Chief Government Medical Officer*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju, 2003, fejn fiha kienet qiegħda tiġi deċiża wkoll talba għar-ritrattazzjoni minħabba li wieħed biss mill-konvenuti ma kienx ġie notifikat bir-rikors maħluf. F'dik is-sentenza l-qorti laqgħet it-talba għar-ritrattazzjoni minħabba nuqqas ta' notifika imma ħassret is-sentenza biss bejn l-attur u l-konvenut mhux notifikat, b'dana li s-sentenza bejn l-attur u l-konvenut l-ieħor li kien ġie notifikat baqgħet impreġudikata u għalhekk esegwibbli;

72. Hekk ukoll beħsiebha tagħmel din il-qorti f'dan il-każ, jiġifieri, sejra tħassar is-sentenza tal-1 ta' Novembru, 2019 biss safejn din tolqot lill-attriċi Josette Camilleri u lill-konvenuta Vira Gatt Butto u sejra tħalliha fis-seħħ safejn din tolqot lill-attriċi Josette Camilleri u The Malta Union Club;

73. Naturalment billi s-sentenza tal-1 ta' Novembru, 2019 bejn l-attriċi Josette Camilleri u The Malta Union Club ħa torbot biss lil dawn it-tnejn, bl-esklużjoni ta' Vira Gatt Butto, allura dik is-sentenza bit-tħaddim tal-**artikolu 237 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** ma tista' tkun qatt ta' ħsara għal Vira Gatt Butto. Ifisser dan, li meta Vira

Gatt Butto ħa tiġi notifikata bir-rikors maħluf ta' Josette Camilleri, hija ħa jkollha l-jedd li tressaq kull eċċezzjoni u kull prova li jidhrilha xierqa biex tiddefendi ruħha, inkluż ukoll li jekk trid tipprova titfa' l-ħtija fuq The Malta Union Club;

74. Fi kliem ieħor, Vira Gatt Butto ħa tkun tista' tiddefendi ruħha billi tgħid li hija m'għandhiex terfa' responsabbilità għall-inċident li ġarrbet Josette Camilleri billi tixħet dik ir-responsabbilità fuq The Malta Union Club u jekk il-qorti ssib li Vira Gatt Butto għandha raġun, Josette Camilleri ma tkunx tista' ddur fuq The Malta Union Club minħabba l-ġudikat maħluq bis-sentenza tal-1 ta' Novembru, 2019 li ma ġiex appellat;

75. F'dan is-sens għalhekk, il-qorti qiegħda tiddeċiedi l-eċċezzjoni *ex officio* mqajma fis-seduta tal-4 ta' Ġunju, 2021 billi tgħid li s-sentenza tal-1 ta' Novembru, 2019 mhijiex sejra titħassar safejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ħelset lil The Malta Union Club mill-ħarsien tal-ġudizzju iżda sejra titħassar f'dik il-parti fejn iddikjarat lil Vira Gatt Butto responsabbli għad-danni mġarrba minn Josette Camilleri u fejn ikkundannatha għall-ħlas ta' €6,560.64;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. **Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni ta' Josette Camilleri dwar in-nullità tar-rikors maħluf għaliex skont l-**artikolu 815 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** ma hija meħtieġa l-ebda garanzija għall-ispejjeż meta t-talba għar-ritrattazzjoni ssir permezz ta' rikors maħluf quddiem il-qorti tal-ewwel grad;

ii. **Tiċħad** il-bqija tal-eċċezzjonijiet ta' Josette Camilleri u l-eċċezzjonijiet kollha ta' The Malta Union Club għaliex instab f'din is-sentenza li n-notifika li saret lil Vira

Gatt Butto ma kinitx tiswa skont il-liġi;

iii. **<u>Tilqa’</u>** l-eċċezzjoni *ex officio* mqajma minn din il-qorti fis-seduta tal-4 ta’ Ġunju, 2021 billi tgħid li s-sentenza 1033/2017LM tal-1 ta’ Novembru, 2019 m’għandhiex titħassar safejn il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili ħelset lil The Malta Union Club mill-ħarsien tal-ġudizzju;

iv. **<u>Tilqa’</u>** l-ewwel talba ta’ Vira Gatt Butto u tiddikjara li tabilħaqq jeżistu raġunijiet biżżejjed għar-ritrattazzjoni tal-kawza mibdija permezz tar-rikors maħluf numru 1033/2017 LM skont l-**artikolu 811 (b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

v. **<u>Tilqa’</u>** t-tieni talba ta’ Vira Gatt Butto u tħassar is-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, tal-1 ta’ Novembru, 2019 fl-ismijiet ***Josette Camilleri v. The Malta Union Club et*** **(Rik. Nru 1033/2017LM)** **<u>iżda biss u limitament</u>** safejn din tolqot ir-relazzjoni ta’ bejn Josette Camilleri u Vira Gatt Butto, b’dana li fl-isfond tal-ilqugħ tal-eċċezzjoni *ex officio* mqajma mill-qorti waqt is-seduta tal-4 ta’ Ġunju, 2021, is-sentenza safejn tolqot ir-relazzjoni ta’ bejn Josette Camilleri u The Malta Union Club sejra tibqa’ fis-seħħ;

vi. **<u>Tilqa’</u>** t-tielet talba ta’ Vira Gatt Butto u tordna r-ritrattazzjoni tal-kawża fl-ismijiet ***Josette Camilleri v. The Malta Union Club et*** **(Rik. Nru 1033/2017LM)** **<u>iżda biss u limitament</u>** safejn tolqot lil Josette Camilleri u lil Vira Gatt Butto;

vii. **<u>Tilqa’</u>** r-raba’ talba ta’ Vira Gatt Butto u tordna li l-kawża ***Josette Camilleri v. The Malta Union Club et*** **(Rik. Nru 1033/2017LM)** safejn tolqot lil Josette Camilleri u lil Vira Gatt Butto terġa’ tinstema’ mill-ġdid, wara li Vira Gatt Butto tiġi notifikata kif suppost bir-rikors maħluf, bil-jedd ta’ tweġiba maħlufa fi żmien għoxrin jum min-notifika. F’dan is-sens, il-qorti tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali biex jqiegħed kopja formali ta’ din is-sentenza fl-atti tal-kawża ***Josette Camilleri v. The Malta Union Club et*** **(Rik. Nru 1033/2017LM)** u tordna li l-

imsemmija kawża tiġi appuntata għas-seduta tat-8 ta’ April, 2022 sabiex din tinstema’ fid-dawl ta’ din is-sentenza;

Fl-aħħar nett, dwar l-ispejjeż ta’ din il-fażi tal-proċedura l-qorti sejra timxi fuq il-prinċipju ta’ *error judicis error partis*. Ladarba t-talba għar-ritrattazzjoni tal-kawża sejra tintlaqa’ minħabba raġunijiet mhux imputabbli lill-partijiet, il-qorti qiegħda **tordna** bit-tħaddim tal-**artikolu 223(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**, li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha marbuta ma’ din il-proċedura ta’ ritrattazzjoni;

Kopja ta’ din id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata lill-Ministru Responsabbli Għall-Ġustizzja u lill-Avukat tal-Istat sabiex iqisu jekk huwiex il-każ li jkun hemm bidla fil-liġi dwar il-mod ta’ kif għandha titwettaq in-notifika f’kawżi ċivili;

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**